ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 21 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu 2014 fis-6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Jum Hal Ghaxaq;
5. Il-Karnival;
6. Barriers hdejn skips Bir id-Deheb
7. Hmieg u haxix fl-ghalqa ta' l-area ta' Triq il-Qattus
8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 20 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu addottati.

Issekondat il-kunsillier Schembri u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

a. Qabel ma bdiet il-laqgha l-Kunsillier Agius issuggeriet li l-Kunsill jghamel quddiesa ghar-ruh missier il-Kunsillier Schembri li miet ftit tal-gimghat ilu. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku skuza ruhu minhabba li hu ma kienx jaf li s-Sinjura Schembri nfurmat lilu biss dwar il-mewt ta' missierha w ghaldaqstant ma nforma lil hadt.

b. Is-Segretarju qalet li rceviet approvazzjoni minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali s-Sur Carmel Abela fejn approva l-estensjoni taghha ghal sena mill-24 ta' Mejju 2014. Irceviet ukoll approvazzjoni tal-*Performance Appraisal*.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment baghatu dwar *EU-Funded Projects in Localities* flimkien mal-applikazzjoni.
   Infurmawna ukoll dwar Seminar Vot 16 li ser isir fil-5 ta' Lulju 2014.

   Baghatu ukoll spjegazzjoni dwar l-*Accessibility Award* li ser issir nhar 26 ta' Marzu gewwa l-Kunsill Lokali tal-Mosta.

   Dwar din l-*award* saret diskussjoni li l-Kunsill jista japplika ghal rampi hdejn il-MUSEUM, hdejn il-kazini tar-rahal, hdejn il-klabb tal-bocci u l-latrini pubbblici kif ukoll gewwa li skola fejn issir rampa ghal fuq il-palk. Il-Kunsill qabel.

3. Mingħand l-AKL irċevejna dwar seminar fuq teknoloġija ġdida dwar it-tiswija tat-toroq fit-8 ta' April, 2014, fid-9:30 a.m. fl-uffiċċju tal-AKL.

Bagħatu wkoll dwar seminar ieħor fuq *'Facilitating Tourism to the Mediterranean : The EU's Perspective'*, fil-11 ta' April, 2014, ġewwa l-Hilton, San Giljan fis-2:00 p.m.

ĦAL GĦAXAQ

4 Mingħand Dr. Franco Mercieca Segretarju Parlamentari dwar seminar Pubbliku ta' Konsultazzjoni dwar Strateġija Nazzjonali Dimensja li sar fit-22 ta' Marzu, 2014, ġewwa L-Excelsior u li għalih attendiet il-Kunsilliera Agius.

Is-Sinjura Agius qalet li s-Seminar kien jittratta l-aktar id-Dimensia w kif il-Kunsill jista jghin nies b'din il-kundizzjoni. Qalet li l-Kunsill jista jorganizza talks u ghandom jintbaghatu ukoll xi leaflets.

Il-Kunsillier Agius kompliet tghid li kellmet lil Onor. Marie Louise Coleiro Preca dwar mawra li l-Kunsill jixtieq jorganizza ghal Presidents Kitchen Garden fejn waqt din il-harga in-nies ikunu jistghu jintaqghu mal-President. Qalet ukoll li din il-harga l-ahjar issir wara li l-President tinghata il-hatra. Il-Kunsill qabel.

5. Mingħand TM fejn infurmaw li ma aċċettawx li jkun hemm *reserved parking* ħdejn il-mużew tal-bniet fi Vjal il-Labour. Saret diskussjoni li din tista issir hdejn il-bieb tal-genb tal-MUSEUM. Il-Kunsill qabel.

Wara li s-Sindku kellhu laqgħa ma' rappreżentanti tat-TM qed jiġi dikuss fejn jisgħu jsiru li *speed cameras* f'Dawret Ħal Għaxaq.

6. Mir-Reġjun Nofsinhar ircevejna dwar attivita' sabiex tiġi organizzata mill-Kunsilli Lokali favur il-qari fil-lokalita', fejn ġiet proposta attivita' fil-Librerija Lokali 'Naqraw man-Nanniet'.

Infurmaw ukoll li ser isir laqgħa ta' informazzjoni fuq il-Parlament Ewropew immirata għal anzjani, nisa tad- dar u nies li m'għandhomx aċċess għal *internet* din saret fl-24 ta' Marzu, 20147, bejn l-10 a.m. u l-12:00 p.m.

*White Paper* Frar, 2014 dwar ir-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali.

7. Mingħand HSBC dwar *Recruitment Campaign 2014* fejn bis-sehem tal-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jsibu nies li ma jaħdmux jew jaħdmu li huma interessati sabiex ikunu jistgħu jaħdmu fil-*Contact Centre* tagħhom tal-*customer care*. Il-Kunsill qabel li dawn jistghu jghamlu din il-kampanja.

8. Il-Kunsill ircieva tlett kwotazzjonijiet dwar 3 xatbiet tal-Aħmar mingħand :-

| | | |
|---|---|---|
| Sammut Woodworks | - | € 1,321.60; |
| Joe Abdilla | - | € 1,215.40; |

Wooden Bird Woodworks - € 1,156.40.

Wara li saret diskussjoni gie deciz fuq parir tal-Vici Sindku li dawn ix-xatbiet isiru tal-hadid galvanizzati biex jigu parigg il-hadid l-iehor li hemm il-“Gnien il-Kunsill”. Ghaldaqstant ser jingiebu tlett kwotazzjonijiet ohra w l-avviz isir fuq il-gazzetta.

ĦAL GĦAXAQ

9. Il-Kunsill ircieva tlett kwotazzjonijiet oħra ghall-*Wallunit* mingħand :-

Wooden Bird Woodworks - € 175;
Anthony Sammut - € 150;
Woodpeckers - € 175.

Is-Sinjura Schembri issuggeriet li l-Kunsill jara x’ghandu ic-Charity Shop ta’ Wied il-Ghajn qabel ma tittiehed decizjoni.

Il-Kunsill qabel li s-Segretarju tmur ic-Charity Shop biex tara jekk ghandhomx xi unit izda jekk dawn ma jkollomx sar qbil li l-Kunsill jghazel l-offerta ta’ Anthony Sammut ghax kienet l-irhas wahda.

10. Mingħand Dogs Trust dwar taħriġ lil sidien ta’ klieb żgħar sabiex jiffamiljarizaw ruħhom fl-ambjent il-ġdid tagħhom. Sar qbil li din l-attivita tista issir f’Jum Hal Ghaxaq.

11a plenarja

. Mingħand is-Sur Twanny Vella fejn informa li ser isir it-tberik tal-annimali fis-27 ta’ April, 2014, u talab ukoll sabiex il-Kunsill jisposorja it-tazzi u jkun hemm kennies biex jiehu hsieb jekk ihammgu z-żwiemel. Il-Kunsill ma wasalx ghal decizjoni.

12. Mingħand *The Malta Records* fejn bagħatu żewġ stimi :-

a) Judge, fotografu, dritt tal-logo, mniżżlin fil-ktieb tas-sena 2014 u ċertifikat għal € 185.

b) Judge, fotografu, dritt tal-logo, mniżżlin fil-ktieb tas-sena 2014 u ċertifikat, art work u promotion għal € 250.

Wara diskussjoni gie deciz li l-Malta Records jigu ikkuntattjati meta l-attivita tkun ser issir. Il-Kunsill qabel.

13. Mingħand il-Wasteserv fejn għarrfu li jekk tkun ser tiġi organizzata xi attivita’ jkunu jistgħu jarmaw stand sabiex jgħaddu l-informazzjoni lill-pubbliku. Il-Kunsill qabel.

14. Mingħand il-MEUSAC, infurmaw li ser isiru sessjonijiet ta' informazzjoni dwar l-inkluzjoni soċjali, fis-27 ta' Marzu, 2014, bej il-5 p.m. u s-7 p.m., ġewwa *Waterfront Hotel*, Gzira.

15. Mingħand l-*Occupational Health & Safety Authority* dwar seminar għal Kunsilli Lokali dwar ir-Regolamenti tal-Kostruzzjoni fis-16 t'April, 2014, ġewwa Dar tal-Mediterran fit-8:30a.m. Ghal dan is-seminar ser jattendi is-Segretarju flimkien mas-Sindku.

16. Il-Kunsill ircieva l-*Annual Report 2013* tal-Greenpak.

ĦAL GĦAXAQ

4. **<u>Jum Hal Ghaxaq</u>**

Saret diskussjoni dwar il-gurnata "Jum Hal Ghaxaq". Fi snin qabel dan il- Jum kien jigi iccelebrat l-ahhar Hadd ta' April izda id-data ghada mhux stabbilita minhabba li gewwa r-rahal ser isir it-tberik ta' l-annnimali l-ahhar Hadd ta' April.

Sar qbil li l-gurnata tibda b'quddiesa fid-9.00am u l-gurnata ta' qabel is-Sibt filghaxija jsir riceviment.

Gew diskussi dawn it-temi:

a) Esebizzjoni tal-karozzi din tista ssir gimgha wara
b) Serata ta' titjir tat-tajr tal-karti
c) Kompetizzjoni ta' tpingija ta' poster dwar xi haga f'Hal Ghaxaq ghal tfal bejn it-8 snin u l-11 il-sena u ohra bejn tfal ta' 5 snin u 7 snin, fejn bhala premju jinghata ktieb "Hal Ghaxaq u Niesu".
d) Esebizzjoni tal-Crafts
e) Harga ghal "President's Kitchen Garden" prezz €2
f) Harga ghall-Akkwarju fil 21 ta' Mejju ma Europa fuq ir-rota ghal prezz ta' €12 kull persuna
g) Tournament tal-futbol fil mini-pitch.

Apparti minn dan kollu giet diskussa il-possibilita' li r-rahal jorganizza l-akbar *Burger,* din tista ssir mill-istudenti tal-ITS u tkun abbinata ma' l-attivitajiet ta' Jum Hal Ghaxaq.

Il-Kunsill qabel li jintaqa s-sotto-kumitat biex ikompli jiddiskuti l-attivitajiet.

## 5. Il-Karnival

Dwar il-Karnival, is-Sinjura Agius qalet li hi tinsab urtata hafna kif il-Kunsillier Fenech xehet dell ikrah fuqha ghax f'email li baghat qal li hemm kunsilliera li joqoghodu "cicci bilqeghda u ma jghamlu xejn".

Regghet sahqet li hi ma qablitx li saret il-kompetizzjoni fuq Facebook ghax m'hemmx obbligazzjoni li l-Kunsillieri jkollhom il-*Facebook*.

Is-Segretarju qalet li hadd mhu obbligat jirreferi ghal *Facebook.*

Filwaqt li s-Sindku qal li dak li sar kien b'approvazzjoni tieghu.

ĦAL GĦAXAQ

Il-Kunsillier Fenech qal li ma jistax il-Kunsill jorganizza attivita minghajr ma jkun hemm fotografu biex jirregistra dak li jkun sar ghal quddiem. Qal ukoll li hadd mhu se jghamel xejn b'xejn.

Is-Sinjura Agius qalet li kollox qed isir minghajr ma l-affarijiet ikunu diskussi fil-laqghat bhal ma sari r-rapport li gie mghoti lil Onor. Joe Mizzi fejn hadd ma kien jaf x'fih, kompliet tghid li hi lejali lejn il-gurament li hadet u had mhu se jhammrilha wicca b'atteggjamenti li qed isiru.
Il-Kunsillier Fenech qal li hu ma naqas lejn ebda gurament.

Il-Kunsilliera Agius kompliet t-oggezjona u sahqet li l-affarijiet ghandom jigu decizi fuq il-mejda waqt il-laqghat tal-Kunsill ghax fuq kollox dawn huma flus tal-Kunsill.

Is-Sinjura Schembri qalet li min jghamel xi attivita ghandu jkollu l-ghajnuna u mhux kollox wahdu.

## 6. Barriers hdejn skips Bir id-Deheb

Il-Kunsillier Fenech staqsa dwar il-barriers kbar li saru hdejn li skips fil-parking area li tinsab Bir-id-Deheb fejn hemm il-fergha tal-BOV. Qal li dawn qed jiehdu spazju tal-karozzi li ma jistghux jipparkjaw minhabba fihom.

Is-Sindku qal li dawn saru minnu biex in-nies ma jitfghux skart u hmieg hdejn li skips li hemm fil-post fejn qed isemmi is-Sur Fenech Kompla jghid li dawn li barriers se jithallew hemm sal-weekend li gej u wara jitnehhew u jitpoggew x'imkien iehor. Qal ukoll li jixtieq li s-skips tal-Bring-in-Sites li hemm fi Triq iz-Zejtun jitnehhew minn fejn qeghdin u jitpoggew fejn hem mil-barriers bhal issa.

Is-Sindku qal li ghamel dawn il-barriers biex izomm l-ambjent tal-madwar nadif u l-ideja irnexxiet.

Il-Kunsillier Fenech qal li l-ahjar jigu installata Cameras fejn qed isir l-abbuz. Is-Sindku qabel.

## 7. <u>Hmieg u haxix fl-ghalqa ta' l-area ta' Triq il-Qattus</u>

Il-Kunsillier Fenech qal li Triq il-Qattus hemm bicca area bil-hamrija li fiha hafna haxix u n-nies jitfghu hafna skart fiha.

Saret diskussjoni fejn intqal li din hija bicca ghalqa zghira li tista tintuza ghal parking tal-karozzi.

Saru suggerimenti biex tingieb gaffa u din l-ghalqa titnaddaf biex tkun tista tintuza bhala parking area. Il-Kunsill qabel li jingiebu kwotazzjonijiet ghat-tindif ta' din l-area.

ĦAL GĦAXAQ

## 8. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>.

a) Is-Sindku qal li gejjin in-nies tal-Protezzjoni Civili biex jifthu is-*Shelter* li hemm wara il-knisja.

b) Il-Vici Sindku qal li hemm hafna hofor fi Triq il-Wilga biex dawn jimtlew bit-tarmac. Il-Kunsill qabel.

c) s-Sindku qal li ghandu laqgha mas-Sinjorina Charlene tal-Greenpak dwar il-Bring-in-Sites minhabba li qed ikun hemm hafna abbuz. Is-Sindku kompla jghid li fejn li skips li hemm Triq Tumbarellu, fil-Housing Estate Hal Dmikki, Triq Gian. M. Farrugia u Zejtun Road qed ikun hemm hafna hmieg ghax nies qed jabbuzaw u jitfghu li skart hdejnhom. Qal li jixtieq li dawn li skips jitnehhew.

Kompla jghid li l-ahjar naraw liema huma dawk li skips tar-riciklagg li jintuzaw hafna l-bqija nelliminawhom.

Il-Kunsillier Fenech qal li l-ahjar isiru Cameras hdejn il-Bring-in-Sites.

Il-Vici Sindku s-Sur Vassallo qal li ma jafx kemm dawn li skips tar-riciklagg jistghu jitnehhew minhabba li skart li is-soltu jintefha fihom.

Is-Sindku qal li jekk jitnehhew il-Kunsill izid gurnata ohra fejn jingabar li skart riciklat tal-borza hadra. Filwaqt li l-Kunsillier Fenech qalet li ma taqbilx li jitnehhew, is-Sinjura Agius qalet li dawn qed

jintuzaw hazin u l-Kunsillier Fenech qal li flok dawn jista jsir gbir darbtejn fil-gimgha tal-borza l-hadra.

Il-Kunsillier Schembri qalet li ma taqbilx li jitnehhew il-Bring in Sites

Is-Sindku qal li niktbu ittra lil MEPA biex isiru Bring-in-Sites go l-art biex jekk johorgu l-fondi ghalihom dawn isiru. Il-Kunsill qabel.

d) Is-Sindku pogga fuq il-mejda site-plan ta' Hal Ghaxaq immarkara bil-kuluri w qal li minhabba l-accidenti li qed isiru fil-Bypass wasal iz-zmien li jinholoq progett.

Qal li fuq din is-site plan immarka kif gej:

Ikhal dan jigifieri fejn qed tigi mitluba li ssir bankina minn Triq il-Miksur sa fejn Triq il-Pitiross, kif ukoll fejn jehtieg isiru *overhead lights* qabel ma wiehed jidhol ghal Vjal il-Labour,



Orangjo fejn trid titweaagha il-bankina biex ikun jista jghaddi siggu tar-roti,

Ahdar fejn hemm is-*service road* imkissra u trid titranga,

Isfar fejn iridu jsiru it-*traffic lights.*

Qal ukoll li t-traffic island li hemm int u diehel Triq il-Gudja jehtieg ttiranga fejn jigi irrangat id-dhul u hrug ghal din it-triq.

Is-Sur Abela kompla jghid li l-ahjar li jsiru li *Speed Cameras* fil-Bypass izda il-Vici Sindku ma qabilx ghalkemm is-Sinjura Agius qablet. Is-Sindku issugerixxa ukoll li jsiru l-*bumping rubbers*.

Is-Sindku qal li waqt is-Seminar dwar ir-Riforma tal-Wardens l-Onor. Herrera sahaq fuq l-edukazzjoni tan-nies.

e) Is-Sindku qal li jehtieg nghamlu kuntatt ma Schembri Barbros dwar it-Triq li trid titrangabiex jekk ma jkunx se jghamilha il-flus li hemm mizmuma jintuzaw biex issir it-triq.

f) Dwar il-cameras, is-Sindku qal li dawk li hemm fuq Santu Rokku u Gnien 2000 jehtieg jinbidlu u ssir cable connection fi Gnien 2000. Is-Sindku qal li l-ahjar jittiehdu parts minn dawn il-kameras u isir sett ghal fuq Santu Rokku. Il-Kunsill qabel.

Il-Vici Sindku qal li waqt laqgha tar-Regjun intqal li ir-Regjun se jghati €2,500 ghal Cameras. Is-Sindku qal li hu jixtieq li jghamel tip ta' satellite ghal Cameras izda din tigi tiswa hafna.

g) Is-Sinjura Schembri Qalet li tixtieq li l-Kunsill jghael stickers zghar bl-arma tal-Kunsill. Is-Segretarju ser iggib kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel.

h) Is-Sindku qal li l-kamra li kienet stage fuq Santu Rokku ghanda is-saqaf qed jaqa. Il-Vici Sindku qal lid an jista jigi irrangat mill-haddiema li l-Kunsill ghandu assenjat mieghu. Il-Kunsill qabel.

i) Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jsiru bozzoz godda tal-Barrani Trejqet Santu Kristu. Il-Kunsill qabel.

j) Is-Sindku qal li ircieva brochure ghal gita ghal Catania u xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jixtieqx jghamel xi haga bhal din.

k) Is-Sur Abela qal li se jara hemmx xi fondi biex jitnaddaf il-wied u jitrangaw ir-*reservoirs* ta' l-ilma.

ĦAL GĦAXAQ

**8. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 7 ta' April, 2014 fis-6.30pm

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

<u>Ikkonfermati:- it-Tnejn 7 ta'April 2014 , fis-6.30pm</u>